MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 65/1999/1

**Prickly Pear Communications Limited**

**Vs**

**J P Advertising Co Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sittin lira Maltija hamsa u sebghin centezmu (Lm267.75) rapprezentanti ammont li ghadu dovut mis-socjeta konvenuta skond ma kif jirrizulta minn invoice numbers 164/96 u 443/97, u dana in konnessjoni ma servizzi prestati u esegwiti fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribli mid-data ta' kull invoice kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 4 u fol 5 tal-atti.

Rat kif ukoll in-nota tas-socjeta attrici a fol 6 ibid.

Rat dak verbalizzat a fol 9 tal-istess atti u dan da parti tad-differiment tas-socjeta konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 10 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-ammont kif ridott mill-istess socjeta attrici mhuwiex dovut mis-socjeta konvenuta u dan stante illi l-ammont huwa dovut minn terzi ghalhekk t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici.
2. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, prodotta mis-socjeta attrici, xehdet Sarah Borg (fol 23 et seq ibid) bhala direttur tal-istess socjeta u din spjegat illi s-socjeta rappresentata minnha tippubblika “magazine’ imsemmi fl-istess xhieda. In rigward is-socjeta konvenuta, din kienet inkarigat lil dik attrici sabiex tinserixxi riklami fil-harga tal-istess “magazine” tax-xitwa 1996, liema riklam kien jirreferi ghal socjeta vinikola msemmija fl-istess xhieda (ara fol 25 tal-istess atti dwar dan ir-riklam inserit fl-istess “magazine”. Dwar ix-xoghol li kien involut f’din l-ordni, is-socjeta konvenuta, stess, kienet tat lil dik attrici “…s-separations” gja lesti u ahna kemm nistampawhom u nippublikawhom fil-‘magazine’ “. Dwar dan hi ssottolineat illi “…. Ma kienux tawni l-‘match paint’ ossija l-kuluri”. Hawnhekk ghandu jinghad illi, kif jidher mill-istess nota ta' eccezzjonijiet sottomessa mis-socjeta konvenuta, ma jidhirx illi din qed tilmenta minn xi difett fl-esekuzzjoni ta’ dan l-inkarigu.

Ikkunsidrat

Illi Joseph Zerafa, prodott mis-socjeta konvenuta sabiex jixhed (fol 31 u fol 38 et seq ibid) ikkonferma li s-socjeta rappresentata minnu ossija dik konvenuta "… kienet ibbukkjat 'advertising' fuq il-'magazine' in kwistjoni". Dwar din it-tilwima, hu sostna illi s-socjeta attrici "… kienet iccargjatna ta' xi artwork li filfatt kien esegwit minnha stess". Dwar dan it-tip ta' xoghol li, skond ix-xhud gie esegwit mill-istess socjeta konvenuta, "…. Ahna thallasna direttament … (mis-socjeta vinikola li ghaliha saret di gja referenza)". Pero, fil-kontro esami, hu qal, ukoll, "Nista nghid illi s-socjeta attrici gieli ghamlet xoghol ta' 'art-work' kif ukoll "… ahna attrezzati ukoll sabiex naghmlu l-artwork'.

Ikkunsidrat

Illi skond il-verbali u nota hemm fuq imsemmija :-

a) is-socjeta attrici, wara li rriduciet it-talba taghha (ara fol 4, 5 u 6 tal-atti) u ddikjarat illi kienu saru pagamenti, fil-mori ta' din il-kawza, b'tali mod illi l-ammont li kien ghadu dovut kien ta' Lm97.75,0 (ara ukoll ix-xhieda tal-istess Sarah Borg a fol 23 ibid).
b) is-socjeta konvenuta kienet, permezz tal-abili difensur taghha (fol 9 ibid) informat lill-istess Qorti "… li sa seduta ohra jkun hallas l-ammont dovut specifikatament l-ahhar pagament".

Illi, bl-ebda mod, ma gie provat dak eccepiet mis-socjeta konvenuta fis-sens "illi l-ammont huwa dovut minn terzi". Anzi ghandu jigi rilevat illi gie ppruvat illi "l-ordni u l-inkarigu sabiex jigi esegwit ix-xoghol u s-servizz involut kien inghata, direttament, is-socjeta konvenuta lil dik attrici.

Illi, fid-dawl ta' dak premess, il-Qorti ghandha takkolji t-talba attrici kif ridotta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici kif hawn fuq ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm97.75,0 bl-imghax legali mit-

18 ta’ Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------